# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 10**

**Rikors numru 28/15 AF**

**Spiru Ellul, Joseph Rizzo, Joseph Quintano, Carmel Cauchi, Felix Axisa, Paul Calleja, Joseph Pisani, Joseph Caruana, Gerolamo Mintoff, Joseph Galea, Tarcisio Gaffiero u fil-verbal tas-17 ta' Jannar 2018, il-Qorti ordnat il-legittimazzjoni tal-atti f'isem Gemma Gaffiero, Anthony Gaffiero, Alexander Gaffiero u Ivan Gaffiero stante l-mewt ta' Tarcisio Gaffiero; Alphonse Genovese, Anthony Polidano, John Cilia, Joseph Bartolo, John Scerri, Francis Tonna, Joseph Gauci u Therese Caruana ulied il-mejjet Emanuel Cauci *in nomine proprio*, *jus hereditatis*, u bhala vittmi *ai termini* tal-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**

**v.**

**Tabib Principali tal-Gvern (Direttur Generali – Regolazzjoni dwar is-Sahha Pubblika); Kap Ezekuttiv tal-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol; Avukat Generali**

<u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrenti, mis-sentenza moghtija fl-24[1] ta' Jannar 2019, [is-sentenza appellata] mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt li cahdet l-ewwel talba fil-konfront tar-rikorrenti kollha u laqghet it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, hlief ghar-rikorrenti Joseph Gauci u Therese Caruana, fir-rigward tal-ksur tad-dritt taghhom ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja protett bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [il-Konvenzjoni]; u ghall-finijiet tar-raba' talba llikwidat kumpens ta' €3,000 favur kull wiehed mir-rikorrenti Spiru Ellul, Joseph Rizzo, Joseph Quintano, Carmel Cauchi, Felix Axisa, Paul Calleja, Joseph Pisani, Joseph Caruana, Gerolamo Mintoff, Joseph Galea, Tarcisio Gaffiero, Alphonse Genovese, Anthony Polidano, John Cilia, Joseph Bartolo, John Scerri u Francis Tonna, li kellu jithallas mill-intimati flimkien u solidalment bejniethom lir-rikorrenti, bl-ispejjez jithallsu mill-intimati bl-istess mod, salv ghall-ispejjez relatati mar-rikorrenti Joseph Gauci u Therese Caruana li ghandhom jithallsu minnhom stess.

Fatti

2. Il-proceduri odjerni jirrigwardaw ilment ta' ksur tal-jedd fondamentali ghall-protezzjoni tal-hajja li m'ghandhiex titqieghed

[1] Mhux l-24 kif erroneament indikat fir-rikors tal-appell

f'periklu bla bzonn ai termini tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u tal-jedd ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja ai termini tal-Artikoli 8 tal-Konvenzjoni li gew intavolati mir-rikorrenti. Ir-rikorrenti u l-mejjet Emanuel Gauci, kienu kollha jahdmu ***full-time*** mal-Malta Drydocks ghal diversi snin. Waqt l-impieg taghhom, huma gew esposti ghall-materjal maghruf bhala *asbestos* u minn ezamijiet medici rrizulta li huma kollha kellhom evidenza ta' prezenza ta' *pleural plaques* fil-pulmun.

Mertu

3. Ir-rikorrenti fethu dawn il-proceduri fit-30 ta' Marzu 2015 permezz ta' rikors guramentat biex jiksbu dikjarazzjoni illi d-drittijiet fondamentali taghhom taht l-Artikolu 2 u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni], gew lezi. Fir-rikors promotur taghhom ir-rikorrenti ghamlu s-segwenti talbiet lil din il-Qorti li huma relevanti ghall-appell odjern:-

> "4. Tikkwantifika kumpens xieraq bhala rimedju ghal ksur tad-drittijiet fuq indikati jew mill-liema minnhom, tillikwida dan l-ammont, u tordna li dan ir-rimedju pekunjarju jithallas u dan fil-konfront u lil kull rikorrent individwalment.".

4. Fir-risposta taghhom tat-30 ta' April 2015, l-intimati t-Tabib Principali tal-Gvern [Direttur Generali – Regolazzjoni Dwar is-Sahha Pubblika] u l-Avukat Generali, filwaqt li rrilevaw diversi kwistjonijiet ta'

natura preliminari u procedurali, sostnew li t-talbiet tar-rikorrenti kellhom jigu michuda bl-ispejjez. L-Intimata l-Awtorita` Dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol irrispondiet ghat-talbiet tar-rikorrenti permezz ta' risposta pprezentata fil-5 ta' Mejju 2015 fejn hi wkoll, wara li ghamlet diversi sottomissjonijiet ta' natura preliminari, fil-mertu talbet lill-ewwel Qorti tichad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

5. Fit-28 ta' April 2016, l-ewwel Qorti tat sentenza preliminari li pero` mhijiex relevanti ghal dan l-appell peress li ma sarx appell minnha.

Legitimazzjoni tal-atti

6. Peress li fil-mori tal-kawza miet ir-rikorrent Tarcisio Gaffiero[2], fuq talba tal-eredi tieghu l-ewwel Qorti permezz ta' digriet moghti fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2018 ordnat li ghandha ssir il-legitimazzjoni tal-atti f'isem Gemma Gaffiero, Anthony Gaffiero, Alexander Gaffiero u Ivan Gaffiero.

Is-Sentenza Appellata

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha permezz tas-sentenza taghha tal-24 ta' Jannar 2019, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li qed jigu riprodotti testwalment:-

[2] Certifikat tal-mewt a fol. 375.

"Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw illi fiż-żmien li huma jew l-aventi causa tagħhom kienu impjegati mal-Malta Drydocks Corporation kienu esposti għall-ammonti kopjużi ta' asbestos. Jilmentaw li qatt ma ġew informati dwar l-effetti noċivi riżultanti mill-esposizzjoni għall-asbestos u lanqas ma ġew provduti b'miżuri ta' protezzjoni, bir-riżultat li issa għandhom l-asbestos fil-pulmun tagħhom.

"Huma qegħdin jitolbu lill-Qorti ssib illi ġie leż id-dritt tagħhom għall-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja u li l-ħajja ma titqiegħedx f'periklu bla bżonn a tenur tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja a tenur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

"Sorvolati l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati, il-Qorti qeghda issa tgħaddi sabiex tqis il-mertu tal-każ. Fir-rigward tal-eredi ta' Emanuel Gauci, peress illi ġie deċiż li l-ilmenti konvenzjonali tagħhom ma jistgħux jiġu mistħarrġa ladarba Emanuel Gauci kien spiċċa mill-impjieg tiegħu mat-Tarzna fl-1970, a sensu tal-artikolu 7 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ilmenti tagħhom ser jiġu mistħarrġa biss taħt l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni.

"Mill-provi prodotti jirriżulta li r-rikorrenti u Emanuel Gauci kienu lkoll impjegati mal-Malta Drydocks Corporation għal diversi snin.

"Ir-rikorrenti kollha ħlief l-eredi ta' Emanuel Gauci ppreżentaw ċertifikati mediċi ta' kull wieħed minnhom rilaxxat mill-Professur Joseph Cacciattolo minn fejn jirriżulta li kollha għandhom evidenza ċara ta' effetti ta' asbestos fil-pulmun. Fil-fatt, kif jikkonferma l-Profs. Cacciattolo in kontro eżami, kollha għandhom dawk li jissejjħu *pleural plaques*. Dan ifisser li teħxien ir-rita tal-pulmun u hija konsegwenza komuni tal-esposizzjoni għall-asbestos. Skont il-Profs. Cacciattolo wkoll, hemm studji li juru li *pleural plaques* inaqqsu l-volum tal-pulmun u għandhom effett fuq il-potenzjal għall-eżerċizzju. Numru żgħir ta' rikorrenti qegħdin isofru wkoll minn asbestosis li hija kundizzjoni li tiżviluppa meta l-pulmun jixrief minħabba esposizzjoni għall-asbestos.

"Ir-rikorrenti produċew ukoll ix-xhieda tal-Profs. Cacciattolo fil-kwalità tiegħu ta' Kap tad-dipartiment tal-mediċina fi ħdan l-Università ta' Malta u konsulent l-isptar, riprodotta minn kawża oħra simili għal din tal-lum. Ix-xhud spjega, *inter alia*, li evidenza xjentifika li tassoċja l-esposizzjoni għall-asbestos mal-kanċer tirrisali għas-sena 1938. Eventwalment in-ness bejn l-asbestos u *pleural mesothelioma* kien ġie indikat fil-*British Medical Journal* tal-1960. Ikompli billi jispjega li f'dik l-epoka, dan il-ġurnal mediku kien wieħed miż-żewġ ġurnali mediċi prinċipali li kienu jinqraw mit-tobba Maltin. Għalkemm dan kollu huwa rilevanti għal dak li għandu x'jaqsam ma meta l-awtoritajiet setgħu saru jafu dwar il-periklu tal-asbestos, il-Qorti tinnota li fil-każ

tal-lum, ħadd mir-rikorrenti ma qiegħed isofri mill-marda qerrieda tal-kanċer minħabba esposizzjoni għall-asbestos.

"Ġiet riprodotta wkoll ix-xhieda ta' Joseph Saliba, policy manager tal-Malta Shipyards fi ħdan il-Ministeru tal-Infrastruttura. Huwa spjega li l-aħħar kariga li kellu kienet ta' *health and safety manager* mal-Malta Shipyard li qabel kienet il-Malta Drydocks. Huwa kien ilu jokkupa din il-kariga mill-1993 u xogħlu kien li jieħu ħsieb is-saħħa u sigurtà tal-ħaddiema. Spjega wkoll li l-asbestos jintuża f'diversi affarijiet bħal *insulation*, *boards* u *wiring*. Fl-investigazzjonijiet li kienu għamlu fit-tarzna sabu tlett tipi ta' asbestos, l-aktar minn dak li hu l-inqas noċiv pero sabu ftit li hu l-aktar forma ta' asbestos noċiva.

"Ix-xhud kompla billi spjega li f'Malta saru konxji dwar il-perikolu assoċjat mal-asbestos fin-nofs tad-disgħinijiet, u bil-mod bdew jittestjaw għal u jiġbru l-asbestos minn fejn sabuh fid-Drydocks għal ħabta tal-aħħar tad-disgħinijiet. L-asbestos tneħħa kollu mid-Drydocks u ġie esportat b'mod legali għad-distruzzjoni tiegħu. Bħala prekawzjoni wkoll bdew jigu nkarigati nies apposta biex jezaminaw vapuri li jidħlu t-tarzna għal xogħol fuqhom sabiex jivverifikaw kellhomx asbestos. It-tarzna ħadet ukoll il-prekawzjoni li tirreferi l-ħaddiema għal *check ups* l-isptar u li qabel il-ħaddiema kienu jingħataw *dangerous employment allowance* li imbagħad nqatgħet. Żied jgħid li meta kien ġie impjegat mat-tarzna hu fis-sittinijiet, l-asbestos kien jintuża bħala *sheeting* kontra s-sħana. Għalkemm l-asbestos hu assoċjat mat-tarzna għax jidħlu ħafna vapuri, jinsab ukoll f'*gaskets* tal-karozzi, *corrugated sheeting* u tankijiet tal-ilma fuq il-bejt. Spjega wkoll illi l-asbestos huwa perikoluż meta l-*fibres* ta' dan il-materjal ikunu sopiżi fl-arja u meta ma jiġux ġenerati *fibres*, ħsara ma ssirx.

"Dr. George Peplow, kwalifikat fil-kimika analitika li x-xhieda tiegħu ġiet ukoll riprodotta minn kawża simili, spjega li l-asbestos hu perikoluż b'dan li f'ċertu ċirkostanzi jista' jkun aktar perikoluż jekk jitnehha minħabba l-*fibres* li jarmi fl-arja. Ix-xhud spjega li huwa għamel diversi konsulenzi, fosthom fl-isptar San Luqa. Qal li kien hemm għarfien dwar il-periklu assoċjat mal-asbestos sa mill-aħħar tas-sittinijiet però li bħala liġijiet anke internazzjonali dawk waslu aktar tard. Kompla billi qal li fil-bidu tas-sebgħinijiet il-prekawzjonijiet li kienu jittieħdu f'Malta kienu li min juża l-asbestos ghandu jaħsel idejh u joqgħod attent biex ma jiġix fuq ħwejġu, però ma kienx hemm sens tal-estent tar-riskju involut. Dan beda jiżviluppa b'mod aktar xjentifiku fis-snin disghin. L-ewwel liġi f'Malta sabiex tipproteġi l-ħaddiema saret fl-2003, għalkemm mis-snin tmenin l-importazzjoni tal-asbestos giet projbita. Ix-xhud spjega wkoll li l-fatt li hemm asbestos f'sit, ma jfissirx neċessarjament li dan ikun perikoluż jekk fl-arja ma jkunx hemm livell għoli ta' *fibres* tal-asbestos, b'dan illi jekk però l-asbestos jiġi ddisturbat, il-livelli tal-*fibres* fl-arja ser jogħla.

"Finalment, ġiet riprodotta wkoll ix-xhieda ta' Dr. Ray Busuttil,

Supretendent tas-Saħħa Pubblika, li qal li informazzjoni dwar l-asbestos u s-saħħa pubblika bejn l-1956 u s-sena 2010 ma kien hemm xejn fuq livell nazzjonali u ma kienx hemm direzzjoni dwar l-użu tal-asbestos in ġenerali.

“L-intimati ppreżentaw affidavit ta’ Dr. Peter Fsadni li spjega li *asbestos plaques* jew calcified *pleural plaques* juru li l-persuna tkun ġiet esposta għall-asbestos però mhumiex kanċer. Ikompli billi jgħid li f’każijiet rari l-bniedem affetwat jista’ jkollu qtugħ ta’ nifs relatat mal-ammont ta’ *plaque* illi jkollu mal-pulmun imma li persuna li ma jkollhiex ħafna *plaque* mhijiex ser ikollha sintomi.

“Dwar asbestosis, Dr. Fsadni jgħid illi din hija magħrufa bħala fibrożi tal-pulmun konsegwenza tal-esposizzjoni għall-asbestos. F’dan il-każ, minħabba l-ħsara li tkun kaġunata lill-pulmun, dan jixrief u l-pazjent isofri minn qtugħ ta’ nifs. Ikompli billi jispjega li lanqas dan ma huwa kanċer.

“Ir-rikorrenti qed jallegaw illi ġew leżi d-drittijiet tagħhom riżultat dirett tal-fatt illi huma kienu esposti tul diversi snin għal kontaminazzjoni mill-asbestos fuq il-post tax-xogħol mingħajr ma ttieħdu prekawzjonijiet mill-awtoritajiet tas-saħħa sabiex jipprevjenu l-mard. L-artikolu 8 qiegħed jiġi invokat għal dak li għandu x’jaqsam mal-kwalità tal-ħajja tar-rikorrenti kif ukoll għal dak li għandu x’jaqsam mad-dritt tar-rikorrenti li jkunu infurmati dwar perikli marbutin mal-asbestos.

“L-ewwel sub inċiż tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi:

> *““33. (1) Hadd ma jista’ jigi pprivat mill-hajja tieghu intenzjonalment hlief fl- esekuzzjoni tas-sentenza ta’ qorti dwar reat kriminali skont il-ligi ta’ Malta li tieghu jkun gie misjub hati.””*

“L-artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

> *““Id-dritt għall-ħajja ta’ kulħadd għandu jiġi protett b’liġi. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta’ qorti wara li jiġi misjub ħati ta’ delitt li dwaru tkun provduta mil-liġi din il-piena.””*

“Ir-rikorrenti jinvokaw ukoll l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni li jipprovdi inoltre illi:

> *““1. Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta’ daru u tal-korrispondenza tiegħu.*
>
> *““2. Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-ezercizzju ta’ dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-ligi u li jkun meħtieg f’socjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-egħmil ta’ delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta’ ħaddieħor.””*

"L-intimati Avukat Ġenerali u Tabib Prinċipali tal-Gvern jeċċepixxu li r-rikorrenti kellhom juru li kienu tassew esposti għall-asbestos. Mill-provi prodotti din il-Qorti hija konvinta fuq bażi ta' probabiltà li r-rikorrenti kienu esposti għall-abra tal-asbestos fiż-żmien illi damu jaħdmu t-Tarzna. Dan abbażi tax-xhieda tal-esperti fil-qasam, riprodotti minn kawżi oħra simili u l-konklużjonijiet tal-Qrati tagħna f'dawk il-kawżi.

"In-ness dirett bejn il-fatt li r-rikorrenti kollha għandhom effetti ta' asbestos fil-pulmun, u x-xogħol tagħhom fit-Tarzna, ma ġiex megħlub bi prova kuntrarja mill-intimati. Inoltre, jiġi rilevat li ma nġiebet l-ebda prova li r-rikorrenti setgħu kienu esposti għall-asbestos band'oħra jew minn sors ieħor.

"Safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa bbażat fuq l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-intimati jeċċepixxu li ħadd minnhom ma intenzjonalment qiegħed ħajjet ir-rikorrenti fil-periklu jew b'xi mezz ċaħħadhom mill-jedd għall-ħajja tagħhom.

"B'differenza mill-kawżi simili deċiżi minn dawn il-Qrati tul l-aħħar snin, ħadd mir-rikorrenti fil-każ tal-lum ma qiegħed isofri minn xi marda li tqieghed il-ħajja tiegħu fil-periklu. Kif diġà ntqal, huma għandhom biss evidenza ta' effetti ta' asbestos fil-pulmun u fil-każ ta' wħud minnhom, din tillimita l-funzjoni tal-pulmun bil-konsegwenza li jsofru minn qtugħ ta' nifs.

"Il-każ ta' Brincat and Others vs Malta, deċiż mill-Qorti Ewropea fl-24 ta' Lulju 2014, ttratta wkoll dwar espożizzjoni għall-asbestos ta' ex-ħaddiema tat-Tarzna. Dwar l-applikanti li ma kellhomx il-marda qerrieda *pleural mesothelioma*, il-Qorti qalet hekk:

> ""*As to the remaining applicants who also worked at MDC, the documentation presented indicates that all but one applicant (Mr Dyer) have respiratory problems and plaques in their lungs, together with some other complications related to exposure to asbestos, but have not to date been diagnosed with malignant mesothelioma. It can neither be said that their conditions constitute an inevitable precursor to the diagnosis of that disease, nor that their current conditions are of a life-threatening nature. It follows that Article 2 does not apply in their case and the complaint brought by the remaining applicants under the Article under examination is incompatible* ratione personae *with the provisions of the Convention within the meaning of Article 35 § 3 (a), and must be rejected in accordance with Article 35 § 4.*
>
> *""However, in the context of dangerous activities, the scope of the positive obligations under Article 2 of the Convention largely overlaps with that of those under Article 8 (see Öneryıldız, cited above, §§ 90 and 160). The latter provision has allowed complaints of this nature to be examined where the circumstances were not such as to engage Article 2, but clearly affected a person's family and private life under*

*Article 8 (see López Ostra v. Spain, 9 December 1994, Series A no. 303-C and Guerra and Others, cited above). The Court therefore considers it appropriate to examine the complaints in respect of the remaining applicants under Article 8, which is applicable in the present case (see also Roche v. the United Kingdom [GC], no. 32555/96, §§ 155-156, ECHR 2005-X).""*

"Applikat dan kollu għall-kawża tal-lum, ladarba ħadd mir-rikorrenti ma jinsab fil-periklu li jitlef ħajtu riżultat ta' xi marda kkawżata mill-esposizzjoni għall-asbestos fiż-żmien illi kien jaħdem it-tarzna, isegwi li l-intimati għandhom raġun jeċċepixxu li ħadd minnhom ma intenzjonalment qiegħed ħajjet ir-rikorrenti fil-periklu jew b'xi mezz ċaħħadhom mill-jedd għall-ħajja tagħhom. L-ilmenti tar-rikorrenti sejrin għalhekk jiġu kunsidrati biss taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

"Dwar id-defunt Emanuel Gauci, ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova li huwa miet kawża tal-esposizzjoni tiegħu għall-asbestos. Isegwi għalhekk illi lanqas l-ilmenti tiegħu ma huma sindikabbli taħt l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u kif diġà ġie deċiż, ladarba temm l-impieg mat-Tarzna fis-sena 1970, l-ilmenti tiegħu lanqas ma jistgħu jiġu mistħarrġa taħt il-Konvenzjoni Ewropea u għaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrenti Joseph u Therese Caruana bħala eredi tal-istess Emanuel Gauci ser jiġu miċħuda.

"Dwar l-ilment tar-rikorrenti marbut mal-jedd tal-privatezza kif protett taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, l-intimati jeċċepixxu li r-rikorrenti naqsu milli jispjegaw b'liema mod l-intimati indaħlulhom fi ħwejjiġhom jew fil-ħajja privata tagħhom jew tal-familja tagħhom.

"Jirriżulta mill-atti tal-kawża li ħadd mir-rikorrenti ma xehed sabiex jispjega kif attwalment affetwatu l-kundizzjoni tiegħu. Jidher illi l-effett tal-esposizzjoni għall-asbestos fuq il-ħajja ta' kuljum tar-rikorrenti huwa, fl-agħar ipoteżi, qtugħ ta' nifs. Madanakollu, dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi r-rikorrenti kollha għandhom *pleural plaques* u sinjali ta' asbestos fil-pulmun minħabba li ġew esposti għall-effetti noċivi tal-istess asbestos fiż-żmien li damu mpjegati t-Tarzna. Dan il-fatt waħdu huwa biżżejjed sabiex il-Qorti ssib illi kien hemm indħil fil-ħajja privata tar-rikorrenti.

"Finalment, l-intimati jeċċepixxu li l-awtoritajiet ta' Malta ħadu dawk il-miżuri meħtieġa, inkluż bdil fil-liġi, sabiex tigi ndirizzata l-problema tal-asbestos fit-Tarzna. Fil-każ ta' Brincat vs Malta, il-Qorti Ewropea kellha xi tgħid hekk dwar dan l-argument:

*""106. Thus, as to whether the Maltese Government knew or ought to have known in the early seventies, the Court must rely on other factors, most evident amongst them being objective scientific research, particularly in the light of the domestic context. The Court takes account of the list, submitted by the applicants, which contains references to hundreds of articles or other publications concerning the subject at issue published from 1930 onwards - many of them taken*

*from reputable British medical journals. The Court observes that medical studies at the then Royal University of Malta were modelled on, and followed closely upon, the corresponding United Kingdom system, with many graduates in medicine continuing their studies in England and Scotland. Particularly in view of this situation, even accepting the Government's argument - that is, that information was at the time not as readily available as it is today - it is inconceivable that there was no access to any such sources of information, at least, if by no one else, by the highest medical authorities in the country, notably the Chief Government Medical Officer and Superintendent of Public Health (as provided for in the, now repealed, Department of Health (Constitution) Ordinance, Chapter 94 of the Laws of Malta, see paragraph 42 above). In fact, according to Maltese law it was precisely the duty of the Superintendent of Public Health to remain abreast of such developments and advise the Government accordingly. The Court, further, observes that it has not been submitted that there had been any specific impediment to access the necessary information. Furthermore, the Government failed to rebut the applicants' assertion with any signed statement by a medical expert or authority, who could have attested that the medical professionals in the country were, in or around the 1970s, unaware of these worrying medically related findings at the time.*

*““Moreover, the Pellicano judgment by the Commercial Court (see paragraph 35 above) is in itself an implicit acknowledgement by a domestic court that in the years preceding Mr Pellicano's death in 1979 the authorities knew or ought to have known of the dangers of working with asbestos and that they had failed to provide adequate health and safety measures in that respect.*

*““Against this background, the Court concludes that for the purposes of the present case, it suffices to consider that the Maltese Government knew or ought to have known of the dangers arising from exposure to asbestos at least as from the early 1970s.*

*““107. As to the fulfillment of the ensuing obligations, as stated above, the respondent Government claimed that as soon as they had become aware of the dangers associated with asbestos, laws were enacted to protect employees from these dangers and this as early as 1987 by means of the Work Place (Health, Safety and Welfare) Regulations. It follows that, by Government's admission, up until 1987 no positive action was taken in the nearly two decades (four years in the case of Mr. Attard who left the MDC in 1974) during which the applicants had been exposed to asbestos. Consequently, from the information provided, it is apparent that from the mid-1980s to the early 2000s, when the applicants (except for Mr Attard) left the MDC, the legislation was deficient in so far as it neither adequately regulated the operation of the asbestos-related activities nor provided any practical measures to ensure the effective protection of the employees whose lives might have been endangered by the inherent risk of exposure to asbestos.*

*““…*

*““110. The Court considers that enacting specific legislation fifteen years after the time in the mid-1980s when the Government accept*

*that they were aware of the risks can hardly be seen as an adequate response in terms of fulfilling a State's positive obligations. Furthermore, by the time the 2002, 2003 and 2006 legislation had been enacted and came into force (see paragraphs 33 and 34 above), the applicants had little if anything to gain since the timing coincided with the end of their careers, when they were leaving or had already left Malta Drydocks (see paragraph 6 above).*

*""111. Consequently, from the information provided, it is apparent that from the mid-1980s to the early 2000s, when the applicants (except for Mr Attard) left the MDC, the legislation was deficient in so far as it neither adequately regulated the operation of the asbestos-related activities nor provided any practical measures to ensure the effective protection of the employees whose lives might have been endangered by the inherent risk of exposure to asbestos. Moreover, even the limited protection afforded by that legislation had no impact on the applicants since it appears to have remained unenforced.*

*""112. The Court considers that, while there is a primary duty to put in place a legislative and administrative framework, it cannot rule out the possibility,* a priori, *that in certain specific circumstances, in the absence of the relevant legal provisions, positive obligations may nonetheless be fulfilled in practice. In the present case, however, the only practical measure that appears to have been taken by the State, as the employer, was to distribute masks, on unspecified dates and at unspecified intervals (if distributed repeatedly at all). The Court notes in this connection that the apparently disposable masks (which were shown to the Court) were considered by experts in the* Pellicano *case to be of "inadequate quality" and "did not take sufficient account of the state of scientific knowledge about the subject matter at the relevant time" (see paragraph 33 above). These findings are sufficient for the Court to conclude that such practical attempts left much to be desired.*

*""113. As to the duty to provide access to essential information enabling individuals to assess risks to their health and lives and the duty to provide such information, the Court notes that the Government submitted that no information reports were in fact available and that it was difficult for them to provide any information about the extent of any informative material given to the applicants. They noted, however, that the Occupational Health and Safety Authority (OHSA) provided preventive information and guidelines concerning the management and use of asbestos.*

*""114. It would therefore appear that no information was ever collected or studies undertaken or reports compiled specifically about the asbestos situation at the applicants' place of work. Furthermore, the Government did not even argue that any general information was, in fact, accessible or made available to the applicants. Instead the Government, seemingly oblivious to the obligations arising from the Convention, opted to consider that it was not their responsibility to provide information at the outset and that anyone in such a work environment would in any case be fully aware of the hazards involved. The Court considers the latter statement to be in stark contrast to the Government's repeated argument that they (despite being employers and therefore well acquainted with such an environment) were for long*

*unaware of the dangers. The Court further finds inappropriate the Government's contention that the distribution of the above-mentioned masks was an implicit source of information. Additionally, in relation to the Government's reference to the information available at the OHSA, the Court notes that this authority was only created after the year 2000 and it could therefore not have been a source of information before that date. It follows that in practice no adequate information was in fact provided or made accessible to the applicants during the relevant period of their careers at the MDC.*""

"Wara li qieset dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti Ewropea waslet għall-konklużjoni li kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tal-eredi tar-rikorrent li kien miet kawża tal-esposizzjoni għall-asbestos, u ksur tal-artikolu 8 fir-rigward tal-applikanti l-oħra, kemm fir-rigward ta' dawk li kienu qegħdin isofru minn *pleural plaques* u kundizzjonijiet oħra riżultat tal-esposizzjoni tagħhom għall-asbestos u kemm fir-rigward tal-applikant li minkejja li kien espost għall-asbestos, ma kien qiegħed isofri minn l-ebda kundizzjoni kronika.

"Fl-istess vena, din il-Qorti tirreferi għall-każ ta' Mary Grace Farrugia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern, deċiża fil-31 ta' Jannar 2017, fost oħrajn, fejn din il-Qorti diversament presjeduta sabet li:

""*Fil-kaz tal-lum, abbazi tal-provi prodotti, din il-Qorti ssib illi l-mewt ta' Andrew Psaila kienet ir-rizultat ta' sensiela ta' omissonijiet da parti tal-Istat li, mhux biss ma aggornax il-legislazzjoni tal-pajjiz tempestivament pari passu mal-gharfien li maz-zmien beda jizdied tal-perikli tal-asbestos l-aktar meta jkun fi stat ta' fibres u tar-riskji tal-uzu tal-asbestos, izda wkoll meta l-Istat naqas palesement milli jaghmel rakkomandazzjonijiet dwar mizuri ta' prevenzjoni ta' l-uzu tas-sostanza bhala parti mir-rutina tax-xoghol; ma' dawn mizuri ta' infurzar kontra l-perikli ghas-sahha tal-haddiema. L-assjem ta' nuqqasijiet fuq dan il-livell da parti tal-Istat gab mieghu illi Andrew Psaila kien espost mill-employer tieghu ghall-uzu tal-asbestos bhala parti mix-xoghol tieghu bil-konsegwenza li garrab marda terminali li temmet hajtu fl-età ta' 60 sena. Mhux sostenibbli l-argument tal-intimati illi fiz-zmien meta Psaila kkontratta l-marda, l-gharfien (awareness) dwar il-perikli tal-asbestos kien generiku, u li kien biss fis-snin disghin li bdiet tohrog informazzjoni fuq bazi internazzjonali ta' kif ghandu jsir l-immaniggjar tal-asbestos. Din il-Qorti ghamlet l-accertamenti taghha u tghid minghajr l-icken esitazzjoni li dan l-argument huwa fattwalment inkorrett. Hemm imbaghad ix-xiehda ta' Dr. George Peplow u tal-Prof. Joseph Cacciattolo li tikkostitwixxi prova. Kontra ta' din il-prova, ma hemmx prova diretta u determinanti da parti tal-intimati. Ghalhekk il-Qorti mhijiex sejra titbieghed minn dak fattwalment riskontrat mill-ECHR fil-kaz ta' Brincat fis-sens li l-Istati Malti tramite l-awtoritajiet kompetenti kellu taghrif ghad-disposizzjoni tieghu izda ma adottatax mizuri ta' prevenzjoni fuq livell aktar wiesgha li jolqot il-postijiet kollha tax-xoghol, aktar milli post wiehed li fil-kaz ta` Psaila kienet it-tarzna.*

""…

*"“L-obbligu fuq l-Istat li jipprovdi informazzjoni dwar riskji jew perikli ta’ esposizzjoni beda jkun rikonoxxjut bid-decizjoni tal-ECHR fil-kaz ta` “Guerra and Others v. Italy” tad-19 ta` Frar 1998. Hemm il-Qorti rreferiet ghal “the right to assess risk factors connected with the activity of a nearby chemical factory.” Fil-kazi ta` “McGinley and Egan v. the United Kingdom” (28 ta` Jannar 2000) u “Roche v. the United Kingdom” (19 ta` Ottubru 2005) l-ECHR [l-ahhar kaz il-Grand Chamber] affermat il-principju illi “respect for private and family life under Article 8 requires that an effective and accessible procedure be established which enables such persons to seek all relevant and appropriate information.” Id-dritt ghall-access ta’ informazzjoni relatat ma’ riskji li persuna tista’ tigi esposta ghalihom (fil-kaz in kwistjoni kienu ghaddasa) kien trattat mill-ECHR fil-kaz ta` “Vilnes and others v. Norway” (5 ta` Dicembru 2013) fejn inghad illi “the State`s positive obligation to provide access to essential information enabling individuals to assess risks to their health and lives may, in certain circumstances, also encompass a duty to provide such information.”””*

“Fil-kawża tal-lum ukoll, ġie muri kif għal għexieren ta’ snin, kien hemm għarfien dwar ir-riskji għas-saħħa relatati mal-asbestos. Fil-fatt, Dr. George Peplow jikkonċedi li lejn l-aħħar tas-sittinijiet, żgur li f’Malta kien diġà hawn għarfien dwar l-effetti tal-asbestos tant li fl-Università kienu ttieħdu xi miżuri preventivi.

“Bħala fatt għalhekk, huwa ċar li fiż-żmien li r-rikorrenti kienu jaħdmu t-Tarzna, l-għarfien għall-awtoritajiet Maltin dwar il-perikli għas-saħħa assoċjati mal-asbestos kien jeżisti żgur. Nonostante, ħareġ mill-provi li l-awtoritajiet tas-saħħa bdew jieħdu miżuri preventivi fis-snin disghin, meta r-rikorrenti kienu jew temmu l-impieg taghhom mat-Tarzna jew waslu biex.

“Isegwi għalhekk illi dan l-għarfien dwar il-periklu tal-asbestos ma wassalx sabiex l-Istat jieħu miżuri preventivi adegwati biex jipproteġi s-saħħa tal-ħaddiema, tant li r-rikorrenti u ħaddiema oħrajn spiċċaw maż-żmien ikkontrattaw mard respiratorju, kultant serju u anke kanċer.

“Dan kollu huwa r-riżultat ta’ ommissjoni serja da parti tal-istat li mhux biss ma aġġornax ruħu bil-leġislazzjoni mill-għarfien tal-perikli tal-asbestos u l-użu tiegħu, iżda naqas ukoll li jagħmel rakkomandazzjonijiet pubbliċi dwar miżuri ta’ prevenzjoni u eliminazzjoni tal-użu f’waqtha ta’ din is-sustanza noċiva għas-saħħa tal-bniedem. Dan wassal sabiex ir-rikorrenti u sħabhom għaddew snin twal esposti għal dan il-materjal mingħajr l-ebda ħjiel tal-periklu tiegħu fuq saħħithom, periklu li mill-aħħar tas-snin isttin kien diġà evidenti u rikonoxxut medikament.

“Għalhekk fil-każ tar-rikorrenti, il-Gvern, rappreżentat mill-intimati Tabib Prinċipali tal-Gvern u l-Avukat Ġenerali, ma jistax jitqies li ssodisfa l-obbligu tiegħu a tenur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

> "Il-Qorti tqis li dan mhux każ fejn dikjarazzjoni ta' leżjoni hi rimedju sufficjenti imma r-rikorrenti għandhom jingħataw danni non prekunjarji għal-leżjoni tad-drittijiet tagħhom. Il-Qorti terġa' tgħid li f'dan il-każ ma jirriżultax li xi ħadd mir-rikorrenti jinsab fil-periklu li jitlef ħajtu konsegwenza tal-espożizzjoni tiegħu għall-asbestos. Il-Qorti tinnota wkoll li minkejja li numru ta' rikorrenti lmentaw minn qtugħ ta' nifs u nuqqas ta' tolleranza għall-eżerċizzju, kollha huma avvanzati fl-età u kif diġà ntqal, ħadd minnhom ma xehed dwar kif effettivament affetwatlu ħajtu l-kundizzjoni tiegħu.
>
> "Dawn il-fatturi jwasslu lill-Qorti tikkonkludi li l-kumpens non pekunjarju għas-sofferenza subita bil-vjolazzjoni tad-drittijiet tagħhom taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għandu jkun ta' €3,000 kull rikorrent bl-eċċezzjoni tal-eredi ta' Emanuel Gauci għar-raġunijiet li ngħataw f'din id-deċiżjoni."

## L-Appell

8. Ir-rikorrenti pprezentaw l-appell taghhom permezz ta' rikors datat 12 ta' Frar, 2019, fejn spjegaw li l-aggravju taghhom jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti likwidat l-ammont dovut lir-rikorrenti separatament, ta' kumpens rapprezentanti danni morali fl-ammont ta' €3,000 huwa wiehed irrizorju. Ghalhekk huma talbu lil din il-Qorti;

> "…tirriforma s-sentenza appellata tat- 30 [recte: 24] ta' Jannar 2019 billi:
>
> "i) Tikkonfermaha in kwantu li sabet lezjoni tad-drittijiet fondamentali skond il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;
>
> "ii) Tawmenta u tikkwantifika u tillikwida rimedju gust li u ma jkunx anqas min disat elef euro [E30,000 [recte: €9,000]] u tordna li l-ammont hekk kwantifikat u likwidat jithallas lir-rikorrenti;
>
> "iii) Tordna li l-ispejjez kollha jigu sapportati mill-intimati...."

9. Permezz tar-risposta taghhom tal-21 ta' Frar 2019, l-intimati qeghdin isostnu li l-kumpens moghti mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata hu gust u jimmerita konferma u ghalhekk l-appell ghandu jigi michud.

L-Aggravju tar-rikorrenti

10. Il-Qorti ser tghaddi issa sabiex tqis l-aggravju mressaq mir-rikorrenti fejn dawn qeghdin jilmentaw mill-fatt li l-kumpens moghti mill-ewwel Qorti fl-ammont ta' €3,000 kull wiehed minnhom – ghajr ghar-rikorrenti Joseph Gauci u Therese Caruana - hu baxx wisq, sahansitra irrizorju, u ghandu jkun mizjud ghal ammont ta' mhux anqas minn €9,000. Ir-rikorrenti jaghmlu referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Brincat v. Malta** fejn jghidu li grupp ta' aktar minn ghoxrin persuni ta' etajiet differenti u li s-sahha taghhom kienet giet affettwata mill-*asbestos* kienu nghataw kumpens mhux pekunjarju fis-somma ta' €9,000 kull wiehed, filwaqt li tliet familjarji ta' vittma li miet kawza tal-*asbestos* inghataw flimkien danni mhux pekunjarji fis-somma ta' €30,000. Isostnu li huma m'ghandhomx jigu diskriminati fir-rigward tal-ammont ta' kumpens li ghandu jithallas lilhom u f'dan ir-rigward l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u wkoll distinzjoni falza bejn il-kondizzjoni tar-rikorrenti u dik tal-persuni li ressqu l-ilment taghhom quddiem il-Qorti Ewropea fis-sentenza citata. Ma saret l-ebda

konsiderazzjoni dwar in-natura tal-vjolazzjoni u l-isfond socjo-ekonomiku tal-pajjiz. L-ahhar sottomissjoni taghhom hi li d-decizjoni tal-Qorti fil-likwidazzjoni ta' danni morali ghandha thalli effett, ossia tinhass, kemm mill-vittmi kif ukoll minn min ikun kiser il-jedd taghhom.

11. L-intimati min-naha taghhom jigbdu l-attenzjoni tal-Qorti ghar-riferenzi hziena ghad-data tas-sentenza appellata maghmula mir-rikorrenti fir-rikors tal-appell taghhom. Madankollu seta' jinftiehem li r-rikorrenti kienu qeghdin jappellaw biss minn sentenza wahda biss, jigifieri dik tal-24 ta' Jannar 2019. Galadarba ma sarx appell mill-ewwel sentenza tat-28 ta' April 2016 fejn l-ewwel Qorti sabet li r-rikorrenti Joseph Gauci u Therese Caruana ma setghux iressqu lment taht l-Artikolu 2 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, u wkoll appell mis-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet kollha taghhom, huma ma jistghu jiksbu xejn mill-appell odjern u ma jistghux jippretendu li ma jhallsux l-ispejjez tal-kawza taghhom. Dwar il-mertu, l-intimati jissottomettu li r-ragunijiet kollha moghtija mir-rikorrenti ghal zieda fil-kumpens li ghandu jithallas lilhom mhumiex validi u ghalhekk is-sentenza appellata ma kellhiex tinbidel. Hekk jirrispondu ghall-erba' argumenti migjuba mir-rikorrenti ghal dik iz-zieda: [a] b'differenza ghall-kaz odjern, fil-kaz **Brincat and Others v. Malta**[3] il-Qorti Ewropea sabet ukoll ksur tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni; [b] ir-rikorrenti ma jfissrux kif skont huma l-ewwel Qorti ma apprezzatx il-provi kif imiss; [c] id-danni

3 App. Numri 60908/11, 62110/11, 62129/11, 62312/11 and 62338/11 decizi 24 Lulju 2014.

morali kellhom jigu kkalkolati mehud in konsiderazzjoni s-serjeta` tal-ksur konvenzjonali u l-effetti fuq l-persuna stess li tkun garrbet il-hsara; [d] sahansitra l-Qorti Ewropea ma taccettax talbiet ghal danni li jservu ta' impatt jew sanzjoni fuq l-Istat.

12. Ghandu jinghad mill-ewwel li l-ewwel Qorti ghamlet osservazzjoni – liema osservazzjoni din il-Qorti wkoll tqis li ghandha rilevanza qawwija fil-kwistjoni tal-likwidazzjoni ta' danni – li *"…hadd mir-rikorrenti fil-kaz tal-lum ma qieghed isofri minn xi marda li tqieghed il-hajja tieghu fil-periklu. Kif diga' ntqal, huma ghandhom biss evidenza ta' effetti ta' asbestos fil-pulmun u fil-kaz ta' whud minnhom, din tillimita l-funzjoni tal-pulmun bil-konsegwenza li jsofru minn qtugh ta' nifs."*. B'hekk waslet ghall-konkluzjoni li *"…ladarba hadd mir-rikorrenti ma jinsab fil-periklu li jitlef hajtu rizultat ta' xi marda kkawzata mill-esposizzjoni ghall-asbestos fiz-zmien illi kien jahdem it-tarzna, isegwi li l-intimati ghandhom ragun jeccepixxu li hadd minnhom ma intenzjonalment qieghed hajjet ir-rikorrenti fil-periklu jew b'xi mezz cahhadhom mill-jedd ghall-hajja taghhom. L-ilmenti tar-rikorrenti sejrin ghalhekk jigu kunsidrati biss that l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni."*. Hawn ghal darb'ohra taghmel enfazi b'mod effettiv bl-osservazzjoni *"Il-Qorti terga' tghid li f'dan il-kaz ma jirrizultax li xi hadd mir-rikorrenti jinsab fil-periklu li jitlef hajtu konsegwenza tal-espozizzjoni tieghu ghall-asbestos. Il-Qorti tinnota wkoll li minkejja li numru ta' rikorrenti lmentaw minn qtugh ta' nifs u*

*nuqqas ta' tolleranza ghall-ezercizzju, kollha huma avvanzati fl-eta' u kif diga' ntqal, hadd minnhom ma xehed dwar kif effettivament affetwatlu hajtu l-kundizzjoni tieghu.".*

13. Din il-Qorti taqbel mal-osservazzjonijiet maghmulin mill-ewwel Qorti u taghmilhom taghha. Izzid tghid ukoll li hadd mir-rikorrenti ma spjega fil-proceduri odjerni x'kien ix-xoghol tieghu u kif ix-xoghol tieghu ressqu ftit jew wisq vicin l-*asbestos*. Ma ssir l-ebda distinzjoni bejn ix-xoghol ta' wiehed u tal-iehor sabiex b'hekk il-qorti tista' biss tahseb li kull wiehed minnhom gie f'kuntatt mal-*asbestos* bl-istess mod. Kif osservat l-ewwel Qorti, ma tistax ma tikkonsidrax il-fatt li hadd mir-rikorrenti ma offra x-xhieda tieghu sabiex jispjega x'kien l-effett fuqu tal-esposizzjoni ghall-*asbestos* kemm fuq sahhtu, kif ukoll fuq il-hajja ta' kuljum kif allegat, u forsi wkoll il-hajja mal-familja. Fin-nuqqas ta' provi, din il-Qorti tista' biss tikkonsidra li m'hemmx effetti negattivi fil-konfront tar-rikorrenti kif sostnut minnhom. Hu veru li kull wiehed mir-rikorrenti esebixxa certifikat mediku maghmul mill-Prof. Joseph Cacciottolo[4] minn fejn jirrizulta li whud minnhom ibatu biex izommu nifs regolari jew sahansitra jkollhom jieqfu meta jimxu ghal tul ta' hin, izda l-Qorti tinnota wkoll li minn dawn ic-certifikati li, kif qalet l-ewwel Qorti, ir-rikorrenti ghajr wiehed minnhom John Xerri kollha huma avvanzati sew fl-eta`[5] u ma jirrizultax li xi hadd minnhom qed ibati minn marda ta' periklu ghal hajtu.

[4] A fol. 176 sa 192.
[5] Mid-dokumenti esebita jirrizulta li, ghajr ghal John Xerri, l-etajiet ivarjaw bejn 73 sa 80 sena.

Dan qed jinghad b'referenza wkoll ghall-affidavit tat-Tabib Peter Fsadni[6] fejn jixhed fuq ic-certifikati mahruga mill-Prof. Joseph Cacciottolo.

14. L-ewwel Qorti mbaghad ikkonsidrat il-provi li tressqu quddiemha fid-dawl tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u sabet li kemm ir-rikorrenti u wkoll haddiema ohrajn kienu bdew ibatu minn mard respiratorju sahansitra f'kaz serju u wkoll ta' kancer, u dan *"… kollu huwa r-rizultat ta' ommissjoni serja da parti tal-istat li mhux biss ma aggornax ruhu bil-legislazzjoni mill-gharfien tal-perikli tal-asbestos u l-uzu tieghu, izda naqas ukoll li jaghmel rakkomandazzjonijiet pubblici dwar mizuri ta' prevenzioni u eliminazzjoni tal-uzu f'waqtha ta' din is-sentenza nociva ghas-sahha tal-bniedem. Dan wassal sabiex ir-rikorrenti u shabhom ghaddew snin twal esposti ghal dan il-materjal minghajr l-ebda hjiel tal-periklu tieghu fuq sahhithom, periklu li mill-ahhar tas-snin sittin kien diga' evidenti u rikonoxxut medikament.".* B'hekk kienet tal-fehma li l-intimati t-Tabib Principali tal-Gvern u l-Avukat Generali kienu naqqsu mill-obbligu taghhom taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u likwidat kumpens ta' €3,000 ghal kull rikorrenti hlief ghall-eredi ta' Emanuel Gauci.

15. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti ghamlet ezercizzju korrett sabiex waslet ghas-sejbien ta' ksur biss fir-rigward tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u f'dak il-kaz ghal-

[6] A fol.

likwidazzjoni tal-kumpens dovut. Ma jirrizultax fil-konsiderazzjonijiet taghha li dik il-Qorti halliet barra xi kriterju jew xi fattur determinant u a skans ta' ripetizzjoni inutili, din il-Qorti taghmilhom taghha u tghid mill-ewwel li l-kumpens likwidat qed jitqies bhala wiehed xieraq u gust kif ser jigi spjegat ahjar aktar 'il quddiem.

16. Huwa pacifiku illi meta tinsab lezjoni ta' dritt protett mill-Kostituzzjoni, il-mira primarja tar-rimedju tkun, generalment, il-waqfien tal-lezjoni, u l-konsiderazzjoni ta' kumpens tkun ta' importanza sekondarja, tant illi l-kumpens m'huwiex moghti f'kull kaz fejn tigi riskontrata lezjoni. Daqstant iehor huwa pacifiku illi l-qorti fil-funzjoni kostituzzjonali taghha, ghandha s-setgha illi tipprovdi ghall-hlas ta' danni sew pekunjarji, sewwasew morali jew non-pekunjarji, b'zieda mar-rimedju li jista' jkun moghti meta dan ir-rimedju jista' ma jkunx wiehed shih u ma jaghmilx gustizzja f'dak il-kaz u meta d-dikjarazzjoni wahedha ta' ksur, jew il-waqfien tal-lezjoni, ma jkunux sufficjenti. Hawnhekk tqum il-htiega li l-vittma tigi kkumpensata ulterjorment ghat-telf li tkun soffriet.

17. F'dawk il-kazjiet fejn gie ritenut li jkun opportun u indikat li jsir ordni ghall-hlas ta' kumpens ghal danni pekunarji u/jew non-pekunjarji, din il-Qorti, fuq l-iskorta tal-gurisprudenza lokali u tal-Qorti ta' Strasburgu, identifikat b'mod generali, tliet kriterji centrali u kumulattivi. Dawn huma li [i] ir-rimedji li jkunu ezistenti jew disponibbli fis-sistema

guridika ordinarja, ikunu inadegwati; [ii] ikun hemm konnessjoni kawzali bejn il-lezjoni u t-telf li ghalih jintalab il-kumpens, b'mod illi kumpens jinghata biss fejn jigi stabbilit ness kawzali bejn il-lezjoni subita u t-telf reklamat; u finalment [iii] l-iktar f'kazijiet fejn issir talba ghall-hlas ta' kumpens ghal danni non-pekunjarji, irid jigi rravvizat grad sufficjenti ta' gravita` u l-estent tat-telf innifsu. In propositu, huwa risaput illi dan l-ahhar kriterju jinghata tifsira relattivament ristrettiva fis-sens illi diment li l-anjseta` u t-tbatija ma jkunux ta' certu gravita`, m'hijiex ir-regola li jinghata kumpens ghal danni mhux pekunjarji.

18. Issir referenza in propositu ghas-sentenza tal-5 ta' Lulju 2011, fl-ismijiet **Victor Gatt et v. Avukat Generali, u Maltapost plc [C22796]**, fejn din il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet relevanti f'materja ta' kumpens:

> "Dwar *just satisfaction*, ir-regola hija li meta l-Qorti ssib li hemm vjolazzjoni, sa fejn hu possibbli, l-istat ghandu jipprovdi ghal *restitutio in integrum*. Meta dan ma jkunx possibbli jew inkella jkun biss parzjalment possibili l-Qorti ghandha taghti *just satisfaction*. Id-decizjoni li d-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni wahedha tkun bizzejjed hija l-eccezzjoni u ghandha tkun riservata ghal kazijiet fejn hemm rimedju jew konsegwenzi huma zghar. Fil-kazijiet l-ohra fejn il-lezjoni hija aktar serja l-Qorti ghandha taghti kumpens pekunjarju ghal dik il-vjolazzjoni.
>
> "…
>
> Kif inghad fis-sentenza *Amato Gauci v. Malta* deciza fil-15 ta' Settembru 2009, "*Under Article 41 of the Convention the purpose of awarding sums by way of just satisfaction is to provide reparation solely for damage suffered by those concerned to the extent that such events constitute a consequence of the violation that cannot otherwise be remedied* [ibid., § 249]. ……..[ para 80]."

19. Illum, u minhabba l-fattispecje tal-kaz odjern, din il-Qorti ma tistax ma tiehux konjizzjoni tas-sentenza recenti tal-Qorti Ewropea **Brincat and others v Malta**[7] fejn, filwaqt li tat tifsira aktar wiesa' tal-portata tar-rimedju "pekunjarju" mitlub fil-proceduri f'Malta f'dak il-kaz, gie riaffermat li fil-kazijiet ta' lezjoni tal-Artikoli 2 u 3 u possibilment, f'cirkostanzi applikabbli, tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, ghandu dejjem ikun ravvizat bhala rimedju l-hlas ta' danni mhux pekunjarji.

20. Din il-Qorti tissenjala illi c-cirkostanzi tal-kaz citat jixbhu sew dawk tal-kaz odjern fil-mertu centrali taghhom u fl-elementi li huma relevanti sabiex tigi stabbilita il-lezjoni lamentata u d-dritt ghal kumpens ghal danni mhux pekunjarju. Dan jinghad ghaliex fiz-zewg kazijiet ir-rikorrenti [ghajr ghal Attard fil-kaz ta' **Brincat & Others v. Malta** u Emanuel Gauci fil-kaz odjern] kienu kollha esposti ghall-asbestos fuq il-post tax-xoghol taghhom mal-Malta Drydocks, u skont ic-certifikati medici fuq imsemmija dawk ir-rikorrenti lkoll irrizulta li kellhom *pleural plaques* fil-pulmun li kienu kompatibbli mal-esposizzjoni ghall-*asbestos*. Kif inghad fil-kaz deciz mill-Qorti Ewropea, *"... the documentation presented indicates that all but one applicant [Mr Dyer] have respiratory problems and plaques in their lungs, together with some other complications related to exposure to asbestos,but have not to date been diagnosed with malignant mesothelioma. It can neither be said that their conditions constitute an inevitable precursor to the diagnosis of*

[7] *Supra.*

*that disease, nor that their current conditions are of a life-threatening nature."* u ghalhekk ma sabitx li c-cirkostanzi kienu jikkostitwixxu ksur taht l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ghaliex *"It can neither be said that their conditions constitute an inevitable precursor to the diagnosis of that disease, nor that their current conditions are of a life-threatening nature.",* izda sabet ksur taht l-Artikolu 8 ghaliex *"...in view of the seriousness of the threat at issue, despite the State's margin of appreciation as to the choice of means, the Governments have failed to satisfy their positive obligations to legislate or take other practical measures, under Articles 2 and and 8 in the circumstances of the present case."*

21. Ghalkemm din il-Qorti tqis li huwa minnu li kull kaz ghandu jigi analizzat minn lenti individwali u fuq il-merti partikolari tieghu, madankollu hija daqstant relevanti l-konsiderazzjoni ta' uniformita` fid-decizjonijiet ta' kazijiet analogi, u dan fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja kif ukoll sabiex din il-Qorti ma taghtix lok hija stess ghal ilmenti ohrajn ta' natura kostituzzjonali. Dan ma jfissirx li l-Qorti ma tistax tiddeciedi mod iehor mill-gurisprudenza lokali jew tal-Qorti ta' Strasburgu in materja, jekk tasal biex temmen illi fil-kaz partikolari quddiemha, ma ghandhomx jigu applikati l-konsiderazzjonijiet maghmulin f'sentenzi ohrajn precedenti fl-istess materja, anke ghaliex kif inhuwa risaput, il-qrati Maltin ma humiex marbutin bil-principju ta'

*stare decisis*. Fir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **Igino Trapani Galea Feriol pro et noe v. Kummissarju tal-Artijiet et** deciza fil-31 ta' Ottubru 2014, fejn f'materja ta' komputazzjoni ta' kumpens ghal lezjoni ta' dritt fondamentali sancit fl-artikolu konvenzjonali fuq citat gie osservat:-

> "Rigward il-quantum tal-kumpens stabbilit mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li kull kaz ghandu jigi trattat u deciz fuq il-fattispecie tieghu. Barra minn hekk, jekk il-Qorti Ewropeja hasset li f'certi kazijiet kellha taghti kumpens f'ammont inferjuri ghal dak li nghata lir-rikorrenti mill-ewwel Qorti, ma jfissirx li allura l-qrati maltin tilfu l-awtonomija taghhom b'mod li bilfors kumpens li jinghata ikun f'ammont vicin dak li taghti l-Qorti Ewropeja."

22. Madanakollu, huwa pacifiku wkoll illi l-qrati Maltin ma jiskartawx facilment il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, specjalment meta jkunu qeghdin jittrattaw lezjoni taht il-Konvenzjoni, wisq anqas ma jiskartaw gurisprudenza lokali in materja fejn jigi stabbilit illi l-fattispecje tal-kazijiet ikunu analogi.

23. Fil-kaz odjern, ma tressqet l-ebda raguni valida mir-rikorrenti ghaliex din il-Qorti ghandha tiddisturba l-apprezzament ragjonevoli maghmul mill-ewwel Qorti fir-rigward u ghalhekk issib li l-aggravju taghhom mhux gustifikat u qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell tar-rikorrenti billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell jkunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm